# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN



PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin



Jannar 2020 | Ħarġa Nru 9


## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Għadha kif ħallietna s-sena 2020 – sena li mhux se ninsew malajr għat-taqlib li ġabet magħha fid-dinja kollha minħabba l-virus Covid-19.

Ġarrabnih wkoll f'pajjizna. Min kien jgħidlek li saħansitra l-knejjes kienu ser jingħalqu għall-funzjonijiet kollha inkluż il-quddies.!

Id-djoċisajiet ta' Malta u Għawdex ħadu ħsieb li jipprovdu quddies kuljum fuq il-mezzi tax-xandir. F'Malta l-isqfijiet personali impenjaw ruħhom li kuljum iqaddsu quddies li xxandar fuq l-istazzjon nazzjonali tat-televizjoni.

Dan l-aħħar l-Arċisqof Charles Scicluna beda jqaddes il-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd minn għadd ta' kappelli li għandna f'Malta: dik tal-Kunċizzjoni fir-Rabat, ta' Santa Marija Madalena f'Ħad Dingli, tal-Providenza fis-Siggiewi, tal-Ħlas f'Ħal Qormi u saħansitra mill-knisja rinovata ta' Sant'Antnin ta' Padova li tinsab f'Manoel Island.

Kienet inizjattiva sabiħa. L-Arċisqof, minbarra li baqa' l-quddies, qed jagħti opportunità lil ħafna Maltin sabiex ikunu jistgħu jgawdu s-sbuħija ta' dawn il-kappelli. Hi opportunità wkoll sabiex napprezzaw kemm hawn nies dedikati sabiex iżommu dawn il-kappelli fi stat tajjeb ħafna.

Nixxenqu għal dak iż-żmien, li nittamaw li ma jkunx il-bogħod, li aħna bħala għaqda nkunu nistgħu nerġgħu nibdew inżuruhom.

Nieħu din l-opprtunità biex nawgural lilkom, membri, u lil kull minn se jaqra dan il-fuljett, SENA TAJBA MIMLIJA RISQ, HENA U SAĦĦA.

*N. Gingell*
*Għal Kumitat*

## KAPPELLI MAGĦLUQA GĦAL PUBBLIKU

*Filwaqt li nieħdu ġost li l-Arċisqof, kif ingħad hawn fuq fl-Editorjal, qed iqaddes minn kappelli differenti wieħed jinnonta li hawn ukoll numru ta' kappelli li jinsabu mitluqin. Uħud huma propjetà privata u filwaqt li tiltaqa' ma' sidien li jippermettu li dawn il-kappelli jżurhom, il-pubbliku issib oħrajn li ma jippermettu lil ħadd iżurhom. Dan għaddejna minnu aħna wkoll bħala Għaqda.*

*Nieħdu pjaċir ninnutaw li d-Direttorat ta' Restawrazzjoni għaddej – u hemm il-ħsieb li jkompli – b'restawr ta' għadd ta' kappelli minn barra. Hemm ħtieġa wkoll ta' restawr minn ġewwa ta' xi kappelli, imma aktar minn hekk, wara li jsir ir-restawr dawn il-kappelli jibqgħu jiġu ikkurati.*

*Fil-paġni li ġejjin, se ngħatukom ftit informazzjoni ta' kappelli li jinsabu mitluqin, oħrajn li jinsabu f'art privata, u oħrajn li jew se jsir restawarazzjoni jew diġa beda x-xogħol, għalkemm bil-mod.*

*Fil-ħarġiet li ġejjien ta' dan il-fuljett elettroniku, nagħtukom dettalji ta' kappelli oħra simili*


**Kumitat 2020**

**President**
Adrian Schinas

**Viċi-President**
Valent Xuereb

**Segretarju**
Nardu Agius

**Asst. Segretarju u PRO**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb


**MEWT TA' ANTHONY BONELLO**

**Ninsabu mnikkta bl-aħbar tal-mewt ta' Anthony Bonello, ex-President u Membru tal-Għaqda, sa mit-twaqqif tagħha, li ġrat fil-15 ta' Diċembru 2020.**

**Nagħtu l-kondoljanzi lil martu u lil familja tiegħu.**

**Grazzi Tony.**

## KAPPELLA TA' SAN PIETRU TA' VERONA, MARSAXLOKK



Hekk kif tasal Marsaxlokk ma' l-ewwel roundabout, wieħed ma' jistax ma' jinnotax kappella fuq il-lemin, dik iddedikata lil **San Pietru ta' Verona**.

Ħasra li donnu ma' jsirx użu minnha hekk kif wieħed jara li kollox hu mbarrat.



*Ritratti: N Gingell*

## KAPPELLA TA' SAN ĠWANN TAL-ĦEREB, WARDIJA



F'passiġġata fil-Wardija, titpaxxa bil-veduta li wieħed jara,tista' tiltaqa' ma' din il-kappella wara ħitan għoljin ta' bini privat.

Din hija ddedikata lil **San Ġwann tal-Ħereb.**



*Ritratti: N Gingell*

## KAPPELLA TAL-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI, RABAT, magħrufa bħala Ta' Settefika





Fit-triq Santu Wistin, li mill-knisja ta' San Mark (tal-Agostinjani) tieħdok għal dik ta' San Ġużepp (tal-Franġiskani), fil-kantuniera ma' Triq Zondadari, wieħed jilmaħ kappella żgħira ħafna, dik li kienet iddedikata lill-**Immakulata Kunċizzjoni**, magħrufa bħala ta' Settefika.

Skond avviż tal-PA imwaħħal mall-faċċata f'Novembru 2016, saret talba lill-Awtorità tal-Ippjanar mid-ditta *Architecture 360* għan-nom ta' ċertu Pierre Cutajar, sabiex isir restawr tal-kappella. Għalkemm il-PA ħarġet l-approvazzjoni, sal-lum għadu ma' sar xejn.

*Ritratti: N Gingell*

## IL-KAPPELLA TAL-KUNĊIZZJONI, F' WIED QANNOTTA, LIMITI TAL-WARDIJA

Hekk kif wieħed jaqbad il-bidu ta' Wied Qannotta minn ħdejn is-supermarket Scotts ta' Burmarrad, malajr jinduna bl-isbuħija tal-pajsaġġ f'ġurnata xemxija. Wara ftit tax-xita, il-wied ikun iħaddar, bl-għelieqi maħduma mill-bidwi.

Wara mixja ta' madwar 20 minuta, wieħed jilmaħ fil-bogħod tperreċ fuq



daqsxejn ta' għolja kappella qalb is-siġar li hija ddedikata lil Marija Kunċizzjoni.

Imma l-ferħ li wieħed ikun ħa malajr jinbidel f'dieqa hekk kif jersaq viċin u jittawwal u jidħol fil-kappella.  Telqa



sħiħa, hekk kif juru u jixhdu r-ritratti li qed nipproduċi. Ma naħsibx li għandi għalfejn nikkumenta aktar.

*Ritratti: N Gingell*















## KAPPELLA TA' SAN PIETRU, FIT-TORRI TA' BETTINA, F'XROBB L-GĦAĠIN, MARSAXLOKK




Pinġija tal-kittieb KILIN

It-Torri għad-difiża u l-kappella ta' San Pawl jinsabu fl-inħawi ta' Xrobb l-Għaġin fil-limiti ta' Marsaxlokk. It-Torri hu magħruf bħala Ta' Bettina, imma fid-dokumenti uffiċjali dejjem hu riferut bħala it-Torri ta' Delimara.

Skont il-Professur Timothy Gambin, din il-kappella f'Xrobb l-Għagin hija kkunsidrata bħala waħda mill-kappelli kostali, u tista tirrifletti t-twemmin li n-nawfraġu ta' San Pawl seħħ fin-nofsinhar ta' Malta. Wieħed jista jaraha mill-baħar u żgur li m'hemmx dubju li kienet punt ta' riferenza għas-sajjieda.

It-Torri u l kappella kienu diġa jeżistu fl-1776 meta Claudio Muscati Xiberras ingħata it-titlu ta' *Marchese di Xrob il-Għaġin.* Hu mifhum li l-kappella kienet nbiet fl-1740. It-Torri ġie mibni mill-Markiża Elisabeth Muscat Cassia D'Aurel, imma ġie mibni mill-ġdid fl-1831 mit-tifla tagħha il -Markiża Angelica Moscati Cassia Dorell.

Il-kappella, dedikata lil San Pawl, mibnija fi żmien il-Kavallieri, għadha tidher sa llum qrib il-kisra tat-triq li mill-fortizza twassal lejn Xrobb l-Għaġin. Il-kappella hija mkenna taħt It-Torri hekk imsejjaħ Ta' Bettina.



*It-Torri ta' Bettina u l-Kappella ta' San Pawl*

Il-kappella ġiet restawrata fl-1932 mill-Markiż Angelo Muscat Cassia D'Aurel. Għanda altar wieħed, dak ta' San Pawl Nawfragu u ieħor iżgħar tal-Familja Mqaddsa.

Illum din il-kappella tinsab f'idejn privati.

*Il-kappella minn wara*



## KAPPELLA TA' SANTA MARIJA, GĦARGĦUR (magħrufa bħala Ta' Bernarda)





*Xogħol ta' restawr li għadu għaddej wara bosta snin*

Din il-kappella nbniet minn Bernarda Cauchi fl-1571. Dik li naraw illum hija li bena Dun Luqa Mifsud fl-1655.

L-aħħar funzjoni li nżammet kien f'Ottubru 1941, imma maż-żmien intelqet u bdiet tintuża għal ar-mar tal-festa.

Fl-2013 beda xogħol ta' restawr li għadu sejjer sal-lum. Nisperaw li dan ix-xogħol jintemm ħalli tinfetaħ għall-, u titgawda mill-, pubbliku.

*Ritratti: N Gingell*